# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 1 ta' April 2016**

**Avviż Numru: 1/2015**

**Andrew Borg Cardona**

**vs**

**Gozo Channel Company Limited (C4314)**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lis-soċjeta' konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata minn din il-Qorti sabiex tħallas is-somma ta' erbat' elef disgħa mija u ħamsin Euro (€4,950() rappreċentanti bilanċ ta' ħlas dovut fuq kuntratt ta' appalt għal servizzi legali għal tlett snin b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012 u kkanċellat mingħajr raġuni b'effett mit-30 ta' Novembru 2013.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat kompriżi dawk ta' ittra uffiċċjali tas-6 ta' Marzu 2014 u bl-interessi b'effett mill-istess ittra uffiċċjali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijet tas-soċjeta' konvenuta li eċċepiet:

Illi l-ħatra tal-attur bħala konsulent legali b'*retainer* ingħatat permezz ta' *direct order*, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. GC 1';

Illi skont l-istess *direct order* l-approvazzjoni għall-ħatra in kwistjoni ngħatat taħt il-kundizzjoni, *inter alia*, illi jkun hemm biżżejjed fondi (l-ewwel kundizzjoni) u li l-ispejjeż konċernati jkunu raġjonevoli (ir-raba kundizzjoni);

Illi fil-fatt, is-soċjeta' esponenti tirrileva li fil-preżent, u kif ser jiġi ppruvat, ma hijiex f'pożizzjoni finanzjarja sabiex tmantni r-*retainer* in kwistjoni;

Illi kien għalhekk illi l-kuntratt mal-attur ġie xjolt mis-soċjeta esponenti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.

Rat il-verbal tagħha tat-8 ta' Jannar 2016 fejn ħalliet il-kawza għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed ifittex li jitħallas il-bilanċ li jgħid li għadu dovut lilu fuq kuntratt ta' appalt għal servizzi legali lis-soċjeta' konvenuta,[1] li ġie terminat mingħajr raġuni valida.

Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi li l-appalt ġie terminati qabel iż-żmien biex jiġu ffrankati l-ispejjeż, u in sostenn ta' dan tiċċita minn struzzjonijiet mogħtija lilha mill-Ministeru tal-Finanzi dwar dan l-appalt.[2]

Jirriżulta li permezz ta' kuntratt datat il-31 ta' Ottubru 2012,[3] is-soċjeta' konvenuta tat appalt lill-attur sabiex jipprovdi servizzi legali u oħrajn relatati lill-Gozo Channel Company Limited għal perijodu fiss ta' tliet snin li kellhom jibdew b'effett mill-1 ta' Ottubru 2012. Għal dan l-appalt l-attur kellu jitħallas bir-rata ta' €675 (eskluż il-VAT) għal kull perijodu ta' tliet xhur, b'dana illi jekk dawn is-servizzi jaqbżu l-25 siegħa kull tliet xhur, kellha titħallas rata ta' €75 kull siegħa (eskluż il-VAT) għal kull siegħa oltre dawn il-25 siegħa. Dan il-ħlas ma kellux jinkludi l-onorarju għal xi assistenza f'kawżi jew proċeduri oħra.[4] Bl-istess kuntratt, l-attur żamm id-dritt li jittermina l-appalt bi pre-avviż ta' sebat ijiem.[5]

Ġara pero' li dan l-appalt ġie terminat ħesrem permezz ta' ittra tal-20 ta' Novembru 2013 mibgħuta mill-*financial controller* tas-soċjeta' konvenuta lill-attur, u dan b'effett mit-30 ta' Novembru 2013.[6] L-attur għalhekk qed jippretendi li jitħallas id-differenza dovuta lilu skont l-istess appalt, u ċioe' is-somma mitluba ta' €4950 għat-22 xahar li kien għad fadallu biex jiskadi dan l-appalt.

Is-soċjeta' konvenuta qed tibbaża d-difiża tagħha fuq l-approvazzjoni mogħtija lilha mill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jingħata dan l-appalt lill-attur, u partikolament fuq żewġ kondizzjonijiet imsemmija fl-istess approvazzjoni, u ċioe' li jeżistu l-fondi meħtieġa, u li l-ispejjeż relattivi jkunu raġonevoli. Imma,

[1] Ara kopja esebita bħala Dok.ABC 1 a fol. 9 -10 tal-proċess
[2] Ara kopja esebita bħala Dok . GC 1 a fol. 15
[3] Dok. ABC 1 a fol. 9 -10
[4] Klawsola 3 tal-kuntratt
[5] Proviso tal-Klawsola 2
[6] Dok. ABC 2 a fol. 11

apparti l-fatt li ma jirriżultax li din l-approvazzjoni qatt ġiet a konoxxenza tal-attur qabel ma ġie ffirrmat l-appalt in kwistjoni, u għalhekk għalieh il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess approvazzjoni huma *res inter alios acta,* ġialadarba s-soċjeta' konvenuta għażlet li tipproċedi bl-appalt wara li rċeviet din l-approvazzjoni, dan ma jistax ifisser ħlief illi l-istess soċjeta' kien jidrilha li dakinhar kien hemm il-fondi meħtieġa, u li l-ispejjeż involuti kienu raġonevoli. Għalhekk ma tista' tiġi mputata ebda ħtija lill-attur, jekk iċ-ċirkostanzi nbidlu wara li ġie ffirmat l-appalt. Anzi l-provi jindikaw proprju l-kuntrarju, u l-Gozo Channel ftaħret li għamlet profitt ta' kważi miljun euro f'dawn l-aħħar snin.[7]

Għaldaqstant, tenut kont ukoll li fil-kuntratt ta' appalt, is-soċjeta' konvenuta ma rriservat ebda dritt li tittermina l-kuntratt qabel iż-żmien, ma tirriżulta ebda raġuni valida għaliex il-kuntratt ta' appalt mogħti lill-attur kellu jiġi hekk terminat. Konsegwentement l-attur kellu kull dritt jipperċepixxi l-ħlas tal-bilanċ dovut lilu a tenur tal-istess appalt.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża, billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lis-soċjeta konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' erbat elef disa' mija u ħamsin euro (€4950).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tas-6 ta' Marzu 2014, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-istess ittra uffiċċjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjeta' konvenuta.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur



[7] Ara dokument anness man-Nota tal-attur tal-21 ta' Diċembru 2015